*- KREDITU GHALL-FORNITURA TA' MERKANZIJA -*

*- ONERU TA' PROVA FUQ MIN JALLEGA -*

*- NUQQAS TA' PRODUZZJONI TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 247/2000/RCP.**

**Dr Michael Sciriha u Dr Patrick J Galea bhala mandatarji specjali tas-socjetajiet esteri Tecnofrigo di Murabito Carmela & C.s.n.c. u Kili Caffe` Di Arena Giuseppe.**

**vs**

**Il Pamento Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi *ai termini* tal-ftehim bejn is-socjetajiet Tecnofrigo di Murabito Carmela & C. s.n.c. flimkien ma’ Kili Caffe’ Di Arena Giuseppe u Il Pamento Limited tal-erbgha (4) ta’ Settembru 1997, is-socjetajiet atturi fornew lis-socjeta’ konvenuta b’merkanzija u kafe’ ghall-ammont totali ta’ tnejn u disghin miljun, mija u erbgha u hamsin elf, tmien mija u hamsa u disghin liri Taljani (Lit.92,154,895) fl-ekwivalenti ta’ Liri Maltin skond ir-rata ta’ kambju korrenti; u illi is-socjeta’ konvenuta naqset li thallas l-ammont dovut ghall-imsemmija fornitura; u illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata hdax (11) ta’ Dicembru 1998, izda dan irrizulta inutili ghax baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici.

(2) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat skond ir-rata ta’ kambju korrenti.

(3) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-imghax mid-data ta’ l-iskadenza tal-fattura sad-data pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-hdax (11) ta’ Dicembru 1998 kontra is-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 10 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti stante illi fil-kuntratt *de quo* hemm stipulat illi kwalunkwe vertenza hija referibbli esklussivament lill-Qorti ta’ Enna fl-Italja.

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju l-merkanzija u apparat fornuti ma humiex kif pattwit.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Marzu 2000 fejn b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghat-3 ta’ April 2000.

Rat il-verbal tat-3 ta' April 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghas-6 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbal tas-6 ta' Gunju 2000 fejn Dr Galea talab differiment. Dr Borg Cardona ma opponiex u ddikjara li fuq dan il-punt m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-iskop tal-verbal precedenti ghall-4 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Lulju 2000 fejn Dr Patrick Galea ghas-socjeta` attrici tratta l-kaz dwar l-ewwel eccezzjoni. Dr Andrew Borg Cardona msejjah diversi drabi ma deherx. Dr Galea talab li jaghmel nota ta' referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet erbghin jum ghal dan l-iskop bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu 40 jum biex jipprezenta nota ta' referenzi tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-14 ta' Novembru 2000.

Rat ir-rikors ta' l-attur noe tal-31 ta' Lulju 2000 fejn il-Qorti ntalbet tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-1 ta' Awissu, 2000 fejn idderigiet lill-attur nomine jindika fi zmien erba' t'ijiem ix-xhieda li jrid iressaq ghal dan l-iskop, in-natura ta' xhieda u jekk dawn jistghux isiru bil-procedura tal-

affidavit. Il-Qorti rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur noe tal-31 ta' Lulju 2000.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Awissu 2000 fejn rat in-nota tar-rikorrenti tat-3 ta' Awissu 2000, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha b'seba' t'ijiem zmien ghar-risposta. Il-Qorti rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta' Ottubru, 2000.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2000, fejn il-Qorti b'Digriet taghha tal-istess data ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghas-6 ta' Dicembru 2000.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici tat-30 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2000, fejn l-konvenuti u d-difensur taghhom baqghu ma dehrux, u l-atturi ddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed dwar l-

ewwel eccezzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghad- 9 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2001 fejn inghatat decizzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni, fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, stante li din il-Qorti ghandha kompetenza u gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza, u l-kawza giet differita ghall-provi kollha attrici fuq il-mertu ghas-7 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbali tas-7 ta' Marzu 2001, tat-23 ta' Mejju fejn l-atturi ddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed u tal-5 ta' Lulju 2001 fejn peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta u lanqas id-difensuri taghha ma dehru, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-2 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din l-azzjoni attrici qed issir stante li s-socjetajiet atturi qed jallegaw li fornew lis-socjeta' konvenuta b'merkanzija u kafe' ghall-ammont totali ta' tnejn u disghin miljun, mija u erbgha u hamsin elf, tmien mija u hamsa u disghin liri Taljani (Lit.92,154,895) fl-

ekwivalenti ta' Liri Maltin skond ir-rata ta' kambju korrenti, u l-istess socjeta' konvenuta qed ghalhekk titlob il-hlas tal-istess stante li l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx l-istess ammont allegatament dovut minna.

Illi l-unika eccezzjoni li hemm f'dan ir-rigward, u allura fuq il-meritu, da parte tas-socjeta' konvenuta hija biss li l-artikoli forniti ma humiex tal-kwalita' pattwita, izda l-istess socjeta' konvenuta ma gabet ebda provi dwar l-istess u ghalhekk l-istess eccezzjoni ma tistax tigi milqugha, peress li ghalkemm huwa l-oneru tal-istess socjeta' konvenuta li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, hija baqghet ma ppresentat ebda prova kwalunkwe in sostenn tal-istess difiza taghha ghat-talbiet attrici u ghalhekk ma hemmx triq ohra hlief li l-istess eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tigi michuda.

Illi ghalhekk abbazi tal-atti processwali jirrizulta li ma hemm l-ebda kontestazzjoni tat-talbiet attrici, fis-sens li jidher li skond il-ftehim a fol. 5 tal-process esebit bhala Dok. "A", s-socjetajiet attrici fornew lis-socjeta' konvenuta b'merkanzija u kafe' ghall-ammont totali rikjest fic-citazzjoni attrici u ma jirrizultax mill-provi prodotti li s-socjeta' konvenuta hallset ghall-istess nonostante diversi interpellazzjonijiet inkluza permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 1998.

Illi dan kollu qed jinghad anke minghajr ix-xhieda prodotta b'affidavit ta' Giuseppe Arena pprezentat fit-30 ta' Novembru 2000, u dan ghaliex mid-dokumenti esebiti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta jidher li ttentat taghmel hlasijiet tal-istess fornituri permezz ta' diversi cekkijiet li pero' ma gewx onorati, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju f'din il-kawza li l-ammont ta' sorte ghall-fornituri indikati ma sarx, u s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma resqet lanqas il-minima ta' prova ta' pagament dwar l-istess mertu, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta bil-mod premess.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' it-talbiet attrici** kif hawn indikat b'dan illi:-

(1) Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fl-ammont f'munita' Maltija u liri Maltin ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u disghin miljun, mija u erbgha u hamsin elf, tmien mija u hamsa u disghin liri Taljani (Lit.92,154,895) skond ir-rata ta' kambju applikabbli fid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-16 ta' Frar 2000 dovut minhabba ir-ragunijiet premessi fic-citazzjoni attrici bhala prezz

ta' fornitura ta' merkanzija u kafe' mis-socjetajiet attrici lis-socjeta' konvenuta.

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat fl-ammont f'munita' Maltija u liri Maltin ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u disghin miljun, mija u erbgha u hamsin elf, tmien mija u hamsa u disghin liri Taljani (Lit.92,154,895) skond ir-rata ta' kambju applikabbli fid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-16 ta' Frar 2000.

(3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-imghax mid-data ta' l-iskadenza tal-fattura fl-24 ta' Settembru 1997 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hdax (11) ta' Dicembru 1998 kontra is-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001**